FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.

**Seduta tas-7 ta' Ottubru 2019**

**Avviz Nru. 85/2019**

**Atlas Insurance PCC Limited (C-5601)**

**Vs**

**Carmelo Meli Limited (C-43404)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz li permezz tieghu, is-socjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex tordna lill-intimata thallasha s-somma komplessiva ta' hamest elef, disa' mija u ewro (EUR 5,901) rapprezentanti danni kkagunati mis-socjeta' intimata Carmelo Meli Limited u sborsati mis-socjeta' rikorrenti bhala indennizz a favur ta' l-assikurat taghha u dan in segwitu ghal incident illi sehh fit-12 ta' Lulju 2016, fil-fabbrika gestita mill-assikurat tas-socjeta' rikorrenti Foster Clark Products Limited meta, fil-process ta' taghbija ta' *container* bil-konsegwenza li dan gheleb ghal fuq il-genb tieghu. Minhabba f' hekk, gew arrekati danni kemm fil-konsenja li kienet qed tigi stivata fil-container li kienet tikkomprendi f' instant drink satchets, kif ukoll fil-forklifter appartenenti lill-assikurat tas-socjeta' rikorrenti.

Gie premess li jsegwi ghalhekk li s-socjeta' intimata kienet tahti unikament ghal dan l-incident u ghad-danni hekk subiti u dan minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti bi ksur ta' l-Artikoli 10331 u 1032(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Mejju 2018 u bl-imghax legali b' effett mit-30 ta' Mejju 2018 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' intimata.

Rat illi minkejja li l-intimata giet debitament notifikata hekk kif jirrizulta mir-riferta a fol 6 tal-process, l-istess intimata ma pprezentat l-ebda risposta u ghalhekk hija kontumaci.

Semghet ix-xhieda prodotti mis-socjeta' rikorrenti.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghal-lum.

**Ikkunsidrat:**

**Provi Prodotti**

**Joseph Mangion** xehed li huwa kien Claims Handler ma' Atlas Insurance. Spjega li kien qed jiehu hsieb claim fejn kienet involuta s-socjeta' Foster Clark Products Limited. L-incident gara fit-12 ta' Lulju 2016. Atlas giet infurmatha mill-brokers tal-assigurat li kien gara incident fil-yard tal-Foster Clark f'San Gwann fejn kien hemm container li kien qieghed jitghabba u illi dan f'daqqa wahda ingheleb. Spjega li marru fuq is-sit dakinhar stess biex jaraw x'gara u ma garax. Huwa sab il-container maqlub, ghax kienet cediet is-sieq. Qal li ha xi ritratti u tkompliet il-claim.

Huwa kkonferma li r-ritratti ezebiti bil-kulur f' dan il-process ittiehdu minnu dakinhar stess tal-incident izda mhux cert li Dok EB2 u EB 3 ittiehdux minnu ghalkemm jirrigwardaw l-istess incident. Spjega li l-prodott li kien qieghed jigi mghobbi gol-container kienu kaxxi ta' instant drinks. Bil-forklifter iwasslu l-pellet fil-halq tal-container u imbaghad ikun hemm il-haddiema li jghabbu bl-idejn. Spjega li apparentament meta dan kien kwazi biex jimtela, il-container ceda u nqaleb. Qal li l-prodott huwa ghal konsum tal-bniedem, igifieri jaghmlu id-drinks minnhom mit-trab. Uhud minnhom soffrew hsarat. Dakinhar hadu ideja ta' x' kien hemm hsarat

izda l-klijent ried jirriserva l-posizzjoni tieghu biex il-quality control jiccekjaw il-kaxxi. Qal li imbaghad Atlas kienet irceviet l-ammonti susegwentament. Qal li meta kellhom din l-informazzjoni, kiteb lil Carmelo Meli Ltd sabiex dawn ihallsu lil Atlas l-ispejjez tad-danni tal-claim.

Qal li x-xoghol li sofra hsara kien jikkonsisti f' elf u seba' cases.Pruvaw inaqssu l-claim billi talbu lil klijent jistax jerga jipprocessah – flok ma jintrema kollox. Il-quality control kienu issegregaw dawk il-kaxxi li riedu jispezzjonaw, minnhom raw il-kundizzjonijet tal-affarijiet ta' gewwa u mbaghad minn hemm iddecidew liema minnhom kienu ser jergghu jipprocesaw.  Kien hareg cost totali ta' hames t'elf sitt mija u euro (5,601) li kien jikkonsisti cost ta' shredding, packaging material u resources li kienu l-labour u overheads biex regghu ppakjaw dawn l-affarijiet li soffrew hsara.

Ezebixxa diversa korrispondenza li ntbaghtet lis-socjeta' intimata. Ikkonferma li intbghatet ittra ufficjali lil intimata u l-intimata rrispondiet ghaliha. Spjega li r-rikorrenti hallset l-ammont ta' hamest elef u ewro lill-Foster Clarke Products Limited u hemm tliet mitt Ewro addizzjonali li huma administration costs.

**<u>Emilio Balzan</u>** qal li huwa kien impjegat ma' Foster Clarks Products Limited bħala loading supervisor. Kien ilu hekk impjegat mall-kumpanija sitta u għoxrin sena. Huwa qal li kienet ġurnata tax-xogħol normali. Wasal il-container loading bay number 5. Kienu xi -il ħdax u nofs ta' filgħodu. Huwa spezzjona l-container biex jiċċekja jekk hux imtaqqab u li kollox sew. Imbagħad huwa ta struzzjonijiet lill-ħaddiema ta' MS Transport biex jikinsu l-container u jibdew jgħabbuh bix-xogħol. Il-container kien tal-erbgħin u kien wasal fl-aħħar biex jagħlaq. Qal li kien għad baqgħlu qisu l-aħħar nofs pellet. Huwa kien qiegħed bil-fork-lifter jagħtihom ix-xogħol. F' waqt minnhom huwa sema' l-container qisu jżaqżaq u ċeda mill-ewwel u ġibdu bil-fork-lifter b'kollox. Iġifieri r-roti ta' quddiem qabżu l-loading bay. Huwa meta meta ra l-fork-lifter qed iċedi n-naħa tal-lemin tiegħu, qabez lejn in-naħa tax-xellug. Qal li kien wegga' u mar l-isptar.

Insista li kienet cediet is-sieq tal-container proprjeta' ta' Salvu Meli, l-kuntrattur. Qal li fir-ritratti ezebiti, l-container in kwistjoni huwa dak griz. Sostna li hemm ritratt li juri li s-sieq dahlet u l-ohra baqghet barra. Kif dahhlet din is-sieq ceda l-container ghax ingheleb.

**John Schembri** qal li huwa Head of Operations ta' Foster Clarks Products Limited u ilu f' din il-kariga minn Marzu 2014. Dwar l-incident tat-12 ta' Lulju 2016, huwa spjega li Carmelo Meli huma s-suppliers tal-Containers li bihom jesportaw. Huma l-export haulers taghhhom. Qal li Carmelo Meli jgib il-containers u huma jimlew il-containers mhux bil-pellets shah imma kaxxa kaxxa. Qali li jiddahhlu l-pellets u imbaghad ikollhom il-haddiema jdahhlu kaxxa kaxxa ghax joqoghdu izjed gol-continers b' dan il-mod. Dan huwa process li ilu jsir ghal tul ta' snin. Spjega li wiehed mill-containers, dan partikolari waqt li kien qieghed jimtela ceda. Cediet sieq u inqaleb. Dak huwa l-kaz. Sostna li l-container ceda ghax hu jkun fuq zewg saqajn wahda mis-saqajn cediet igifieri nuqqas tal- maintenance tas-supplier li jgiblek il-container fuq it-trailer. Insista li t-Trailer kien bla maintenance. Aparti minn hekk it-trailer meta jkun wahdu, suppost titpoggielu pyramid izda din ma kinitx hemm. Insista li dawn huma kollha azzjonijet li l-hauler ghandu jaghmel skont il-ligijiet tat-Trasport ta' Malta.

Spjega li jekk jinqala' z-ziemel irid jitpogga l-pyramid. F' dan il-kaz ma tpoggix u anke li t-trailer ma sarlux il-maintenance tajjeb. Il-container jissuplixxih Carmelo Meli, kif ukoll it-trailer u l-pyramid. Huwa kkonferma sett ta' ritratti li gew ezebiti. Sostna li in vista ta' dan l-incident, hafna mill-kaxxi li kien hemm soffrew hsara. Kellhom jintremew. Ikkonferma li saret claim ma' Atlas u thallus.

**Ikkunsidrat:**

Mix-xhieda u dokumenti pprezentati, jidher li l-container in kwistjoni kien gie fornit minn Carmelo Meli Limited. Irrizulta wkoll li waqt li dan kien qed jitghabba bil-merkanzija, cediet sieq ta' l-istess container bil-konsegwenza li l-istess container ceda. Ir-responsabbilita' ta' dan il-container u ta' l-istat li kien fih tirrizulta li hija tal-proprjetarju u cioe' tas-socjeta' intimata. Jinkombi fuq l-istess sid sabiex jissupplixxi container li huwa fi stat tajjeb li jiflah jitghabba bil-merkanzija.

Mill-provi ezebiti wkoll jidher li kagun ta' dan l-incident, is-socjeta' rikorrenti hallset ghal hsarat sofferti is-somma ta' EUR 5,601 (Dok JM06) lil Foster Clarks Products Limited li sussegwentement ffirmat subrogation form (Jm 07) a favur l-istess socjeta' rikorrenti. Irrizulta wkoll li kien hemm inkorsi EUR 300 bhala administration costs, hekk kif jidher minn document Jm01 u JM 02 u kif ukoll mix-xhieda moghtija mill-claims handler waqt is-smigh tal-kawza.

**Decide**

Ghaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tordna lill-intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma komplessiva ta' hamest elef, disa' mija u ewro (EUR 5,901) bl-imghax legali b' effett min-notifika ta' l-ittra ufficjali pprezentata fit-30 ta' Mejju 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha relattivi ghal din il-kawza komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Mejju 2018 ghandhom jigu sopportati mill-intimata.

**Magistrat Simone Grech**